# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI PRELIMINARI Nru. 2885

**Kaz Nru. 4013/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Marianne Scicluna Lauri**

**U**

- **Ministru Ghall-Edukazzjoni**
- **Avukat ta' l-Istat**

**(Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Fis-seduta tat-22 ta' Settembru, 2022 it-Tribunal Industrijali ddecieda fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari rigward il-preskrizzjoni fejn it-Tribunal Industrijali wara li ezamina l-provi wasal ghal konkluzzjoni u ddecieda li l-kaz tar-rikorrenti gie pprezentat fi zmien erba xhur skond l-**

**Artikolu 75 (3) tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta u nvista ta' dan it-Tribunal Industrijali ddecieda li jkompli jiehu konjizzjoni tal-kaz.**

**Fl'istess seduta tat-22 ta' Settembru, 2022 gie deciz li fis-seduta li giet deferita ghat-18 ta' Ottubru, 2022 kellhom jitressqu l-provi dwar tlett eccezzjonijiet ohra mressqa mill-Ministru Ghal-Edukazzjoni u l-Avukat ta' l-Istat.**

**Matul is-smigh tal-Kaz, ir-rikorrenti kienet assistita mill-Avv. Jason Grima u ghal-Ministru Ghall-Edukazzjoni deher l-Avv. Julian Farrugia u ghall-Avukat tal-Istat deher l-Avv. Daniel Inguanez.**

**It-tlett eccezzjonijiet mressqa huma :-**

1) **Illi l-Avukat tal-Istat m'huwiex il-legittmu kuntradittur ghal din il-kawza billi huwa la kien jimpjega lir-rikorrenti u lanqas ma kellu x'jaqsam mat-terminazzjoni tal-impjieg taghha;**

2) **Illi l-Ministru Ghall-Edukazzjoni ma hux il-legittmu kuntradittur imma kellu jigi mharrek is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru;**

**3) Illi peress li r-rikorrenti hija Ufficjal Pubbliku, it-Tribunal Industrijali huwa prekluz li jiehu konjizzjoni ta' din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali semgha u evalwa l-evidenza tal-provi prodotti jasal ghal konkluzjoni u jiddeciedi dwar l-eccezzjonijiet preliminari kif jidher hawn taht :-**

**1) Illi l-Avukat tal-Istat m'huwiex il-legittmu kuntradittur ghal din il-kawza billi huwa la kien jimpjega lir-rikorrenti u lanqas ma kellu x'jaqsam mat-terminazzjoni tal-impjieg taghha;**

**Mill-provi jirrizulta li r-rikorrenti giet impjegata fis-7 ta' Jannar, 2021 u l-ittra tal-Appointment harget mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li matul l-impjieg taghha r-rikorrenti kienet dejjem tahdem fi hdan il-Ministeru ghall-Edukazzjoni u meta l-impjieg taghha gie terminat hija giet infurmatha permezz ta' ittra datata 30 ta' Gunju, 2021 iffirmata mis-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru Ghall-Edukazzjoni.**

**Invista ta' dawn il-provi huwa kkonfermat, li l-Avukat ta' l-Istat qatt ma kellu konnessjoni mar-rikorrenti la fir-reklutagg taghha jew matul il-qaghdi ta' dmirijietha u lanqas ma kellu sehem fit-terminazzjoni ta' l-impjieg taghha.**

**Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali qed jillibera lill l-Avukat tal-Istat milli jkun partecipi f'dawn il-proceduri ta' din il-Kwestjoni tax-Xoghol.**

2) **Illi l-Ministru Ghall-Edukazzjoni ma hux il-legittmu kuntradittur imma kellu jigi mharrek is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru;**

**Meta t-Tribunal Industrijali jezamina l-provi jirrizultalu, li skond l-Artikolu 17 (8) tal-Kap 595 tal-Ligijiet ta' Malta huwa s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru li kellu jitharrek.**

**It-Tribunal Industrijali huwa ta' din il-fhema ghar-raguni, li s-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru, illi hu ghandu jitqies bhala rapprezentant guridiku tal-Gvern f'azzjonijiet gudizzarji kif ukoll, li huwa s-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghall-Edukazzjoni illi huwa responsabbli ghall-impjieg ta' impjegati mal-istess Ministeru.**

**Invista ta' dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li ghandu jigi emendat l-Occhio tal-Kaz u ghandu jigi jaqra Fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn Marianne Scicluna Lauri u s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru ghall-Edukazzjoni.**

3) **Illi peress ir-rikorrenti hija Ufficjal Pubbliku, it-Tribunal Industrijali huwa prekluz li jiehu konjizzjoni ta' din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Meta t-Tribunal Industrijali ezamina l-provi jirrizultalu, li r-rikorrenti kienet impjegata bhala Learning Support Educator (LSE) u hija kienet impjegata fis-Servizz Pubbliku tant, li setghet tressaq il-kaz taghha quddiem il-Public Service Commission, liema organu fost funzjonijiet ohra jittratta kazijiet ta' dixxiplina tal-haddiema mpjegati fis-Servizz Pubbliku u liema mpjegati ghax qeghdin ghas-servizz tal-pubbliku jirreferu ghalihom bhala Ufficcjali Pubblici.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li r-rikorrenti kif gie spjegat f'din id-Decizjoni kienet Ufficcjal Pubbiliku u l-kaz taghha kien ta' dixxiplina li waslet ghat-terminazzjoni tal-impjieg.**

**Invista ta' dan it-Tribunal Industrijali jinnota, li wahda mill-funzjonijiet tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku hija li tittratta kazijiet ta' dixxiplina ta' l-impjegati fis-Servizz Pubbliku u ghaldaqstant skond**

**Artikolu 80 (2) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzjoni u jiddeciedi li jastjeni milli jkompli jiehu konjizzjoni ta' din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Minhabba nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**(Iffirmat)** **Vera Kopja**

**Harold Walls**
**Chairman**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**

**Data: 26 ta' Jannar, 2023**